MALTA

# QORTI TA' L-APPELL KRIMINALI

## ONOR. IMHALLEF

## ANTONIO MIZZI

Seduta ta' l-20 ta' Jannar, 2015

Appell Kriminali Numru. 74/2013

Il-Pulizija

(Supt. Norbert Ciappara)

vs

**Michael Frendo**

iben Joseph, imwieled Attard, fis-16 ta' Frar, 1981, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 137381(M)

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Michael Frendo quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli f'dawn il-Gzejjer, fil-lejl ta' bejn is-27 u it-28 ta' Ottubru, 2005 kellu fil-pussess tieghu r-raza mehuda mill-pjanta cannabis jew xi preparazzjonijiet li jkollhom bhala bazi din ir-raza u dan bi ksur tal-Artikolu 8(a) tal-Kapitolu 101 tal-Ligijiet ta' Malta, liema droga instabet f'tali cirkostanzi li juru li ma kienitx ghall-uzu esklussiv tieghu.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-11 ta' Frar, 2013 fejn il-Qorti wara li rat rat l-artikolu 8(a), it-Taqsimiet 4 u 6, l-artikoli 22(1)(a) u 22 (2) (b) (i) tal-Kapitolu 101 u r-Regolamenti 4 u 9 tal-GN 292 ta' l-1939 sabet lill-imputat hati tal-imputazzjoni migjuba

kontra tieghu, u ikkundannatu ghal piena ta’ sentejn u nofs prigunerija effettiva u multa ta’ elfejn Euro (€2,000), li bl-applikazzjoni tal-Artikolu 14(2) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta tista’ tithallas b’rati mensili u konsekuttivi ta’ mitt Euro (€100.00). L-ewwel pagament ghandu jsir mhux aktar tard minn xahar mid-data li fiha l-hati jiskonta l-piena karcerarja li qed tigi b’din is-sentenza erogata, u ghal dan il-fini r-Registratur ghandu jivverifika mal-awtoritajiet karcerarji din id-data. Pero', jekk il-hati jonqos li jhallas pagament wiehed, il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hamsa u tletin Euro (€35.00) dovut.

In oltre, il-Qorti ordnat lill-hati jhallas l-ispejjez li ghandhom x’jaqsmu mal-hatra tal-esperti skont l-artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta, li ghandhom jithallsu fi zmien sitt (6) xhur mil-lum, b’dan li jekk l-hati jonqos li jhallas dan l-ammont jew parti minnu fiz-zmien lilu preskritt, l-ammont jew il-bilanc jigi dovut minnufih u jigi konvertit fi prigunerija bir-rata ta’ gurnata habs ghal kull hdax-il Euro u hamsa u sittin centezmu (€11.65) dovut.

Il-Qorti ordnat d-distruzzjoni tad-droga u tal-affarijiet konnessi maghha taht is-supervizjoni tar-Registratur.

Rat ir-rikors tal-appellant Michael Frendo tad-19 ta’ Frar, 2013 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tirrevoka s-sentenza fuq indikata tal-11 ta' Frar, 2013 moghtija mill-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura billi tilliberah minnha jew alternattivament taghti sentenza aktar gusta u ekwa.

Rat l-aggravji tal-appellanti u cioe':-

Illi l-Ewwel Qorti ma ghamlitx bir-rispett kollu apprezzament tajjeb tal-fatti kif jirrizultaw mill- provi prodotti. Kontrarjament ghal dak asserit fis-sentenza taghha l-ammont ta' 28.26 grammi kien negligibbli. Il-kalkolu ta' l-Ewwel Qorti mhix sostenuta minn xi espert tal-Qorti li wara kollox espert kien gie imqabbad mill-istess Qorti. Skont il-kalkolu tal-Qorti joint ikollha 0.19 grammi precizament. Barra minnhekk, l-Ewwel Qorti ukoll tikkonsidera li l-fatt li qal li xtara d-droga tlett gimghat qabel u l-fatt li jiehu xi 15-il joint kuljum allura hija inkonsistenza.

Fil-fatt id-droga kienet ghal uzu ta' ftit granet. Ma jfissirx l-anqas li kien qed jistenna tlett gimghat sabiex jiehu l-ewwel joint. Huwa fatt maghruf li persuni li jkollhom problemi ta' dipendenza kbira ta' droga jkollhom jew ifittxu li jkollhom hazna ta' droga u jkollhom ammonti differenti ta' droga sabiex jassiguraw li dejjem jkollhom droga fuqhom, jigifieri hemm dubbju ragonevoli fuq persuna dipendenti li jkollu ammont mhux enormi ta' droga fuqu. Il-prosekuzzjoni kull ma ghandha hija prova cirkostanzjali u mhux diretta. Din il-prova cirkostanzjali mhix univoka ghaliex taghti direzzjonijiet differenti.

Illi l-piena mhix ekwa u gusta. L-appellant inghata sentenza ta' sentejn u nofs prigunerija effettiva, meta dan huwa kaz ta' l-2005, tmien snin ilu. jidher car li hareg mill-problema ta' droga ghaliex l-ahhar prova li l-appellant pprezenta kien test li juri li ma jmmiss bid-droga u jidher li kien hareg mill-problema tad-droga. Wiehed ghandu jsaqsi x'ikun l-interess tas-socjeta' li llum huwa hareg mill-vizzju tad-droga u jrid jispicca mix-xoghol tieghu biex jinbaghad sentejn u nofs habs bir-riskji kollha li hemm gewwa l-habs fuq kaz li kien konkluz tmien snin ilu.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi hu principju stabbilit fil-gurisprudenza ta’ din il-Qorti li din il-Qorti ma tiddisturbax l-apprezeament dwar il-provi maghmul mill-ewwel Qorti jekk tasal ghal konkluzjoni li dik il-Qorti setghet ragonevolment u legalment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha. Fi kliem iehor, din il-Qorti ma tibbdilx id-diskrezzjoni fl-apprezzament tal-provi maghmula mill-ewwel Qorti, izda taghmel apprezzament approfondit ta’ l-istess biex tara jekk l-ewwel Qorti kinitx ragonevoli fil-konkluzjoni taghha. Jekk din il-Qorti tasal ghall-konkluzjoni li l-ewwel Qorti, fuq il-provi li kellha quddiemha, ma setghetx ragonevolment tasal ghall-konkluzjoni li waslet ghaliha, allura dik tkun raguni valida, sabiex tbiddel dik id-diskrezzjoni u konkluzjoni. F’dan il-kuntest wiehed jista' jara s-segwenti sentenzi:
Ir-Repubblika ta’ Malta v. George Azzopardi deciza fl-14 ta’ Frar, 1989;

Il-Pulizija v. Carmel sive Chalmer Pace deciza fil-31 ta’ Mejju, 1991;
Il-Pulizija v. Raymond Psaila u Edward Ellul deciza fit-12 ta’ Mejju, 1994;
Il-Pulizija v. Amadeo Brincat u Martin Dimech deciza fis-6 ta’ Gunju, 1994;
Il-Pulizija v. Carmelo Schembri deciza fit-28 ta’ April, 1995;
Il-Pulizija v. Ezzawi Mehemed deciza fit-3 ta’ Novembru, 1995; u
Il-Pulizija v. Giovanni sive John Micallef; kollha appelli kriminali.

Illi maghmula din il-konsiderazzjoni wiehed ghandu biex ighaddi ghall-ezami ta’ l-aggravji tar-rikorrenti u jaghmel analizi taghhom.

Illi l-ewwel haga li ghandha tigi rilevata hu li l-appellant gie mwaqqaf fir-roadblock tal-Forzi Armati fil-lejl ta' bejn is-27 u it-28 ta' Ottubru, 2005. Ic-citazzjoni giet prezentata l-Qorti fl-1 ta' Lulju, 2007 u l-ewwel seduta nzammet fl-4 ta' April, 2008 u finalment il-kawza bdiet bis-smiegh tal-provi fis-7 ta' Lulju, 2008. Din il-Qorti ma ghandhiex ghalfejn taghmel ebda kumment fuq il-lass ta' temp bejn il-kommissjoni tar-reat, il-prezentata tac-citazjzoni u il-bidu tal-provi. Huwa evidenti li f'dan il-kaz dan it-trapass ta' zmien mhux l-idejali.

Illi mill-provi migbura jirrizulta ampjament car li l-appellant ta versjoni mhix kredibbli ta' 'l ghaliex hu zamm id-droga fil-karozza meta qal li ma halliex id-dar. Lanqas ma qal li ma halliex id-dar minhabba l-fatt li l-genituri tieghu kien ghassa fuqu. L-unika haga li qal kienet li nesa u hadha mieghu fil-karozza. Din il-Qorti taqbel mal-konkluzjonijijet milhuqa mill-ewwel Qorti fuq dan il-punt. Ghalhekk, l-ewwel aggravju tal-appellant ma jistax jirnexxi.

Illi t-tieni aggravju tal-appellant hu dwar il-piena. L-appellant nstab fil-pussess ta' 28.26 grammi raza tal-cannabis b'purezza media ta' 3.6%. Fil-fehma ta' din il-Qorti l-kwantita' in kwistjoni mhix wahda ezagerata. Minbarra dan il-fatt, l-appellant matul il-kors ta' dan il-kaz ipprezenta zewg certikati wiehed tas-17 ta' Jannar, 2013 u it-tieni wiehed tad-19 ta' Novembru, 2013 li jindikaw li l-appellant jidher li gheleb il-vizzju tad-droga. Fil-fehma ta' din il-Qorti dawn il-fatti jwasslu ghall-konkluzjoni li ghandu jkun hemm nuqqas fil-piena erogata mill-ewwel Qorti.

Ghaldaqstant, ghal dawn ir-ragunijiet tikkonferma s-sentenza appellata hlief ghall-erogazzjoni tal-piena. Thassar u tirrevoka s-sentenza appellata dwar il-piena u minflok il-piena ta' sentejn u nofs prigunerija u il-hlas ta' multa ta' elfejn euro (€2,000) tikkundanna lill-

appellant ghal piena ta' sitt xhur (6) prigunerija u il-hlas ta' multa erba' mija u sebghin euro (€470). Minbarra dan, tikkundanna lill-appellant li jhallas is-somma ta' hames mitt euro u sitt u disghin centesimu (€500.96) spejjez inkorsi f'dawn il-proceduri a tenur tal-artikolu 533 tal-Kodici Kriminali. Il-modalitajiet tal-pagament tal-multa u tal-ispejjez huma ndikati hawn fuq. Tordna wkoll id-distruzzjoni tad-droga ezebita taht is-supervizjoni tar-Registratur tal-Qorti.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------